Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ: M.9596 — ENGIE/Predica/Omnes/Langa)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 403/06)

1. Fit-22 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ENGIE SA ("ENGIE", Franza),

— Omnes Capital ("Omnes", Franza),

— Predica Prévoyance Dialogue ("Predica", Franza), li tappartjeni għall-grupp Crédit Agricole S.A,

— sitt kumpaniji li huma sidien ta' portafoll ta'parks eoliċi u impjanti fotovoltajċi li jinsabu fi Franza (il-"Kumpaniji fil-Mira", Franza) u li fl-aħħar mill-aħħar huma kkontrollati minn ENGIE.

Engie, Omnes u Predica jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Kumpaniji fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ENGIE: ENGIE hija kumpaniji industrijali attiva fl-oqsma tal-provvista tal-gass u l-elettriċità kif ukoll fis-servizzi tal-enerġija,

— Omnes: Omnes Capital hija kumpaniji ta' ġestjoni tal-assi Franċiża indipendenti attiva f'diversi fergħat tal-ekwità privati, b'mod speċjali fis-settur fis-settur tal-enerġija rinovabbli,

— Predica: Predica hija kumpanija tal-assikurazzjoni Franċiża tal-ħajja u tas-saħħa li tappartjeni għall-French Crédit Agricole Group,

— il-Kumpaniji fil-Mira: il-Kumpaniji Fil-Mira jikkonsistu f'portafoll ta' impjanti fotovoltajċi tal-enerġija mmuntati fuq l-art kif ukoll parks eoliċi li jinsabu fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9596 — ENGIE/Predica/Omnes/Langa

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË